MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 8/2006/1

**Margaret Azzopardi**

**v.**

**Peter Paul Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Peter Paul Azzopardi li permezz tieghu qed jappella biss minn dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja –

tad-19 ta’ Jannar 2010, fejn gie deciz li l-mitt sehem intestati f’isem l-attrici fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd (C7049) m’humiex inkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u qed jitlob lil din il-Qorti tiddeciedi li dawn l-istess ishma huma nkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti u tipprovdi dwar kif il-likwidazzjoni, assenjazzjoni u divizjoni taghhom ghandha ssir. Bl-ispejjez kontra l-attrici appellata.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

“Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fid-19 ta’ Lulju 2006, l-attrici ppremettiet li:

“Il-kontendenti zzewwgu fit-tlieta (3) ta’ Jannar elf, disa’ mija u wiehed u tmenin (1981).

“Minn dan iz-zwieg ghandhom tliet ulied: Charles Paul li twieled fil-15 ta’ Lulju 1981, Daniel li twieled fis-6 ta’ Marzu 1989, u Stefan li twieled fl-10 ta’ April 1998.

“Il-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibli, stante li sar hati ta’ eccessi, mohqrija, swat u vjolenza domestika (fizika u mentali), theddid, inguriji u offizi gravi ohra da parti tieghu fil-konfront tal-istess attrici u wliedhom, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b’tort uniku tal-konvenut.

“Il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti saret ukoll impossibli minhabba li hemm ukoll inkompatibilita` fil-karattru tal-partijiet lejn xulxin.

“Il-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Mejju, 2006 [Digriet numru 33/06].

“Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet

unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn mal-konvenut.

“2. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-minuri Daniel u Stefan fuq imsemmija, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista’ jkollu, u tipprovdi dwar il-modaltijiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;

“3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

“4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-Artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss, il-komminazjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attrici.

“5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut, u jekk okkorrendu jkun il-kaz tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu nkorporati l-effetti kollha ta’ kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

“6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.

“7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri Daniel u Stefan u dan tenut kont tal-eta` tenera tal-istess minuri Stefan li ghad irid jitrabba, u dan ad eskluzzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

“8. Finalment tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom ta’ xbubitha "Debono" u tordna d-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex, tal-bdil fil-kunjom minn dak ta’ mizzewga.

“Rat ir-risposta guramentata (fol. 9) prezentat fl-24 ta’ Awwissu 2006 minn Peter Paul Azzopardi fejn eccepixxa illi:-

“1. L-ewwel talba tal-attrici hi kontestata fid-dritt u fil-fatt in kwantu is-separazzjoni personali qed tintalab minhabba ragunijiet attribwibbli ghall-eccipjenti.
“2. Rigward it-tieni talba ghall-hlas tal-alimenti, l-esponenti jaccetta r-responsabilita` tieghu li jmantni lil uliedu bhalma hija wkoll l-istess responsabilita` tal-attrici. Madanakollu huwa jikkontesta li ghandu jhallas xi manteniment lil martu, peress li hija ghandha xoghol li permezz tieghu tista’ tmantni lilha nnifisha sufficjentement.

“3. Fir-rigward tal-istess tieni talba, l-esponent ma jaccettax li l-alimenti jitnaqqsu direttament mis-salarju tieghu, u dan ghas-semplici raguni li l-attrici qatt ma sabet diffikulta` biex tithallas l-alimenti dovuti minghandu.

“4. It-tielet u r-raba’ talba qed jigu kkontestati wkoll peress bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-esponenti agixxa b’mod irresponsabbli fil-konfront ta’ familtu. Kienet pjuttost l-attrici li kissret il-familja ta’ bejniethom billi hija hatja ta’ adulterju u ta’ offizi verbal kontinwi fil-konfront tal-esponenti.

“5. Il-hames talba m’hijiex tigi kontestata.

“6. Fir-rigward tas-sitt talba, l-esponenti jaqbel li l-proprjetajiet parafernali tal-partijiet jigu assenjati lil kull

wiehed minnhom, izda huwa jikkontesta li hemm xi beni dotali x'jinqasmu jew jigu assenjati.

"7. L-esponenti jopponi ghas-seba' talba. Dan peress li ma hemm l-ebda talba da parti tal-attrici sabiex l-iben minuri jibqa' jghix maghha, jew inkella biex tinghata l-kustodja tieghu. Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandu tkun l-istess konvenuta li tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali.

"8. It-tmien talba m'hijiex tigi kontestata.

"Rat il-kontro-talba (fol. 10) tal-konvenut fejn jikkonferma illi:-

"Kif spjegat fic-citazzjoni l-kontendenti izzewgu fit-tlieta (3) ta' Jannar elf, disa' mija u wiehed u tmenin (1981) u minn dawn iz-zwieg ghandhom tliet ulied u cioe` Charles Paul li twieled fil-hmistax ta' Lulju elf, disa' mija u wiehed u tmenin (1981), Daniel li twieled fis-sitta (6) ta' Marzu elf, disa' mija u disgha u tmenin (1989) u Stefan li twieled fl-ghaxra (10) ta' April elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998).

"Il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet ma ghadhiex iktar possibli u dan peress li z-zwieg tkisser rrimedjabilment minhabba adulterju, offizi verbali, eccessi u mohqrija da parti tal-attrici.

"Il-konvenut irid li tigi ppronunzjata s-separazjoni ta' bejniethom filwaqt illi tigi likwidata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, filwaqt li jigu restitwiti lilu l-beni parafernali tieghu.

"Ghaldaqstant il-konvenut talab lil din il-Qorti:-

"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

"2. Konsegwentement tiddikjara li l-attrici iddekadiet mid-dmirijiet taghha kif kontemplati fl-Artikoli

tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap. sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

"3. Tafda f'idejn il-konvenut il-kustodja tal-ulied li jkunu ghadhom minuri meta tinghata d-decizjoni minn din l-Onorabbli Qorti.

"4. Tawtorizza lill-konvenut sabiex jghix fid-dar matrimonjali bl-indirizz "Azzopardi", Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, ad eskluzjoni ta' martu.

"5. Tiffissa r-retta alimentari pagabbli mill-attrici lill-konvenut fir-rigward tal-iben jew ulied minuri, u tikkundanna lill-attrici thallas l-istess.

"6. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet tal-eredita` ta' xulxin.

"7. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida u tiddividiha, wara li jigu identifikati l-beni parafernali tal-partijiet, filwaqt illi jigu applikati fir-rigward tal-attrici l-komminazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili.

"Rat ir-risposta guramentata tal-attrici Margaret Azzopardi (fol. 12) prezentat fis-6 ta' Ottubru 2006 ghall-kontro-talba tal-konvenut Peter Paul Azzopardi fejn eceppiet illi:

"1. L-ewwel talba tal-konvenut qed tigi kontestata fid-dritt u fil-fatt in kwantu s-separazzjoni personali mill-konvenut qed tintalab minhabba ragunijiet attribwibbli lill-attrici. Il-kawza tas-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet principalment ghar-ragunijiet li semmiet l-esponenti fir-rikors guramentat taghha u l-aktar raguni gravi fosthom kienet il-vjolenza domestika ezercitata mill-konvenut ghal snin shah fil-konfront ta' martu u ta' wliedu li rrendiet il-konvivenza ta' bejn il-partijiet.

"2. A rigward it-tieni talba din ukoll qed tigi kontestata peress li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-esponenti agixxiet b'mod irresponsabbli fil-konfront tal-familja taghha. Kien pjuttost il-konvenut li bl-agir vjolenti

tieghu tkisser il-familja u ghal snin shah itterrozza lil martu u lil uliedu bi swat u t-theddid, sevizzi, eccessi, u nguriji gravi fil-konfront taghhom tant li ghal aktar minn darba nstab hati ta’ vjolenza domestika fil-konfront taghhom mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif ser jigi ppruvat f’aktar dettal fil-mori tal-kawza.

“3. A rigward it-tielet talba, it-tliet ulied tal-kontendenti, Charles Paul huwa maggorenni, Daniel ser issir maggorenni fis-6 ta’ Marzu 2007, u a rigward l-iben iz-zghir nett u cioe` Stefan li ghandu tmien snin dan jibza’ biza’ kbir minn missieru minhabba x-xeni tal-vjolenza li sa mit-twelid tieghu l-istess minuri kien espost ghalihom, u l-konvenut qatt ma agixxa b’mod responsabbli u b’dehen ta’ missier tajjeb tal-familja fil-konfront ta’ wliedu tant li z-zewgt uliedu l-kbar illum bil-kemm iridu jafu bih ghaliex qatt ma ta kashom u hlief glied, theddid, mibgheda u nuqqas ta’ rispett ma rawx minghandu. Ix-xeni ta’ vjolenza minn missierhom u l-glied fil-familja hallew effetti trawmatici kemm fuq Daniel u wisq aktar fuq Stefan, u mhuwiex dehen li lill-konvenut tigi afdata la l-kura u l-kustodja kongunta ta’ Stefan u wisq aktar li tkun esklussiva.

“4. Ir-raba’ talba qed ukoll tigi kkontestata billi d-dar kienet giet moghtija lill-esponenti mill-genituri taghha, u ghalkemm kienet giet assenjata lilha b’bejgh, fir-realta` din kienet donazzjoni billi qatt ma thallsu jew gew imghoddija flus fuq dan it-trasferiment u lanqas kien hemm intenzjoni ta’ xi hlas ta’ prezz mill-genituri tal-esponenti ghal dan it-trasferiment. Inoltre f’din id-dar tghix l-esponenti flimkien mat-tliet uliedha u kien l-konvenut li bl-agir xejn civili u socjevoli tieghu spicca gie ordnat li johrog mid-dar matrimonjali u biex ma jersaqx lejn id-dar.

“5. A rigward il-hlas tal-alimenti, il-konvenut jaf li martu ghandha dhul baxx u li kienet kostretta li tohrog tahdem minhabba li ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-manteniment taghha u ta’ tliet uliedhom. Hu minn dejjem kellu dhul tajjeb hafna kemm minghand il-kumpanija Gozo Channel Co. Limited li maghha jahdem kif ukoll mill-impjieg *part-time* fl-inginerija mekkaniku. Id-dhul tal-

esponenti huwa relattivament baxx u bil-kemm huwa bizzejjed biex tghix hi u qeghda taghmel sagrifficji kbar biex tkompli trabbi lil uliedha u taghtihom dak kollu li missierhom kien u ghadu jcahhadhom minnhom. Ghalhekk l-obbligu tal-partijiet li jmantnu lil uliedhom ghandu jirrefletti proporzjonalment id-dhul reali u awteniku li ghandhom il-partijiet.

6. Is-sitt talba u l-ahhar parti mis-seba' talba huma komprizi u nkorporati fit-tieni talba u ghaldaqstant l-ispejjez relattivi ghandhom jigu akkollati kollha lill-konvenut;

"7. A rigward is-seba' talba l-esponenti ma topponix li jkun hemm ix-xoljiment, likwidazzjoni, u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, b'dan illi f'din il-likwidazzjoni ghandhom jintghazlu u jitnehhu l-ewwel dawk il-beni li gew akkwistati bi flus parafernali tal-attrici u dawn jigu assenjati lilha, u jigu assenjati liha wkoll dawk il-flus u nvestimenti ohra f'banek u kumpaniji pubblici u privati li nghataw lir-rikorrenti mill-genituri taghha b'donazzjoni jew b'titolu gratuwitu, u mill-bqija l-assi l-ohra jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.
"**<u>Htija ghall-firda personali</u>**.

"Jidher li dan iz-zwieg tfarrak principalment minhabba l-atteggjament negattiv tal-konvenut. Il-Qorti tistqarr li fil-kors tas-smiegh tal-kawza osservat li l-konvenut jidher li hu ragel ta' ftit kliem u maghluq fih innifsu. Min-naha l-ohra l-attrici tidher karattru li taf xi trid u mhux it-tip li thalliha ghaddejja facilment. Pero` certament li wiehed ma jistax jibbaza l-gudizzju fuq impressjonijiet.

"Dan hu kaz fejn mill-provi rrizulta li waqt iz-zwieg kien hemm vjolenza domestika. Peter Paul Portelli, *social worker*, xehed: *"Kien jghid illi kien ikun hemm provokazzjoni, ovvja hux. Kien jghid illi hu jsir aggressiv, ghax kien ikun hemm il-provokazzjoni. Ma jsirx aggressiv ghal xejn b'xejn."* (fol. 338). Ikun x'ikun l-atteggjament tas-siegeb jew siegba fiz-zwieg, il-vjolenza ma tista' qatt tkun gustifikata.

"Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Doris Mizzi -v.- Mario Mizzi**, deciza fid-19 ta' Mejju 2000 osservat: *"**din il-Qorti filwaqt li tqis li kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabilta` fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettih**, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' imbaghad ikun fattur determinanti biex ir-responsabilita` tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."*

"Ghalkemm jirrizulta li l-konvenut kien fittex l-ghajnuna minhabba li kien hemm incidenti ta' vjolenza fil-konfront ta' martu u wliedu, pero` t-tentattivi tieghu biex isalva z-zwieg ma kellhomx ezitu pozittiv. Il-konvenut xehed li ma kienx vjolenti ma' martu; *"lil marti jiena qatt ma sawwatha, hlief illi kien hemm okkazzjonijiet fejn hi aggredieti u jien iddefendejt ruhi. Meta l-mara kienet taggredini jiena kont nimbottaha[1].".* Id-depozizzjoni ta' Lorraine Agius[2] (*social worker* fid-Domestic Violence Unit) taghti xenarju ghal kollox differenti. Xhud li ressaq il-konvenut stess u li kkonfermat li:

"(a) Il-konvenut kien ammetta li kien hemm incidenti fejn kien vjolenti ma' martu u wliedu Charles Paul u Daniel;

"(b) Minhabba din il-problema l-konvenut kien fittex l-ghajnuna;

"(c) Il-konvenut kien sahansitra ammetta li kien abbuziv ukoll fil-perjodu tal-gherusija;

"L-istess Reverendu Dun George Borg spjega li l-konvenut gieli ammetta li kien ikun vjolenti (fol. 300). Qal ukoll li l-konvenut kien jghir hafna ghall-martu (fol. 301)[3] u

---

[1] Kontro-ezami li sar fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2009. Qal: "Hu minnu illi jiena kont ghamilt kors organizzat mid-Domestic Violence Unit. Kien
[2] Tressqet bhala xhud mill-konvenut fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2008 (fol. 326).
[3] *"Ghax kull haga li kienet taghmel jiddubitah imbaghad.".*

jissuspetta li ghandha wicc haddiehor. It-tabib Dr. Salvino Galea kkonferma li kien ezamina lill-attrici f'zewg okkazzjonijiet u *"Sibtilha tbengil fuq imnehirha, kompatibbli ma' daqqa u ohra f'dirghajha tal-lemin, fuq ir-rih tat-triceps muscle, kompatibbli ma' gidma."* (fol. 101). Ma rrizultax li l-attrici kellha xi nkwiet ma' terzi, u anzi pjuttost li minn meta l-konjugi Azzopardi ma baqghux jghixu flimkien is-sitwazzjoni marret ghall-ahjar ghalkemm kien hemm xi incidenti ohra. Hekk per ezempju fit-23 ta' Awwissu 2004 inqala' incident meta l-minuri Daniel ma riedx imur ma' missieru ghall-access. Il-konvenut dahal fid-dar matrimonjali u gie fl-idejn ma' martu (ara okkorrenza tal-pulizija a fol. 138). Dwar dan l-incident, l-attrici kienet giet ezaminata mit-tabib Dr. Mario Saliba li hareg certifikat (fol. 205): *"On examination she had slightly swelling on the lower lip with a very small tear on the inside. In my opinion these injuries are of a slight nature."*. It-tabib Saliba qal li l-griehi kienu kompatibbli ma' daqqa ta' ponn, ghalkemm qal li setghu kienu *self-inflicted* (fol. 199). Pero` mill-okkorrenza tal-pulizija l-Qorti hi moralment konvinta li l-griehi sofrithom ghaliex zewgha refa' jdejh fuqha. F'incident iehor li sehh fit-23 ta' Frar 2004 kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz ta' sentenza li nghatat fit-12 ta' April 2005[4], li kien hebb ghall-martu u kien aggressiv maghha.

"Min-naha l-ohra l-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-attrici ghandha l-istess htija daqs il-konvenut ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Fir-risposta guramentata l-konvenut ddikjara li:- *"Kienet pjuttost ir-rikorrenti li kissret il-familja ta' bejniethom billi **hija hatja ta' adulterju u ta' offizi verbali kontinwi fil-konfront tal-esponenti."*** (fol. 9). Fil-petizzjoni li pprezentat fit-28 ta' April 2004 quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, l-attrici ddikjarat: *"This state of affairs brought a depression upon me and once I even attempted suicide. **I also tried to find some consolation by having a relationship with another man for a short time."*** (fol. 427). In kontro-ezami ddikjarat b'insistenza li fiz-zmien li kienet ghadha tghix ma' zewgha qatt ma

[4] Fol. 49.

kkommettiet adulterju. Dwar Peter Paul Borg qalet: *"Nichad li zewgi rani fis-sbatax (17) ta' Gunju elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) f'parking gewwa r-Rabat ma' dan ir-ragel.* ***Meta tkellimt ma' Borg konna ilna mmorru ta' Kana jien u zewgi.*** *Nikkonferma illi ghand il-familja ta' zewgi gieli ntbaghatu ittri anonimi li jallegaw li jiena ghandi xi relazzjoni ma' xi ragel."* (fol. 436). F'dan ir-rigward il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti. Benny Mercieca[5] kkonferma li kien iltaqa' mal-partijiet xi hames snin qabel (igifieri ghal habta tal-2003) u li l-attrici *"....**kienet ammettiet illi kien hemm kazijiet illi fittxet it-terzi persuni.**"*. Kompla jghid li l-attrici kienet qaltlu li kienet *"...thossha insodisfatta...... U niftakar illi darba qaltli hi stess illi Peter kien mar b'xi gebla ghal xi persuna li hu kellu dubju li l-mara tieghu kellha xi relazzjoni."*. L-attrici ammettiet li:- *"Wara li jiena u zewgi ma bqajniex nghixu flimkien,* ***nikkonferma illi jiena rqadt f'perjodi differenti ma' tlett (3) irgiel li kelli relazzjoni maghhom****..... Dawn l-irgiel li semmejt sirt nafhom wara li jiena u zewgi ma bqajniex nghixu flimkien"* (fol. 435). Dikjarazzjoni li tikkontrasta ma' dak li xehed Benny Mercieca. Min-naha l-ohra fil-petizzjoni li pprezentat quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku ammettiet li kellha relazzjoni ma' ragel iehor ghall-perjodu qasir. Certament li l-atteggjament tal-attrici ma ghenx, ghalkemm il-Qorti tibqa' moralment konvinta li l-atteggjament tal-konvenut fid-dar kien ir-raguni principali li wasslet ghall-firda.

"**<u>Kura u kustodja tal-minuri Stefan Azzopardi</u>**.

"Il-minuri jghix ma' ommu ghalkemm f'xi granet jorqod ghand il-missier. Il-Qorti ma hassitx il bzonn li f'dan il-kaz partikolari tisma' lill-minuri, meqjus ukoll li kien tkellem ukoll mal-avukat tat-tfal Dr. Tatianne Cassar li kienet ghamlet rapport[6].

"Minkejja l-firda personali bejn il-genituri, il-minuri ghandu jkollu d-dritt li jzomm rapport ekwilibrat u kontinwat ma' kull wiehed mill-genituri u jkun hemm partecipazzjoni miz-

---

[5] Seduta tat-12 ta' Frar 2008 (fol. 288).
[6] Kienet giet inkarigata b'digriet moghti fit-12 ta' Settembru 2008 (fol. 383).

zewg genituri ghal dak li jirrigwarda l-istruzzjoni, edukazzjoni u sahha tal-minuri. Jidher li bejn il-konjugi ftit li xejn hemm komunikazzjoni u ilhom is-snin jghixu ghal rashom. Matul dawn is-snin it-tifel jidher li zamm kuntatt tajjeb ma' missieru u r-relazzjoni ta' bejniethom hi tajba. Kemm ilha pendenti din il-kawza ma jidhirx li nqalghu xi incidenti li jistghu jnisslu dubju fil-Qorti. Ghalhekk filwaqt li l-kura tibqa' fdata ghand l-attrici peress li t-tifel jghix maghha, il-Qorti temmen li l-kustodja ghandha tkun kongunta.

"Ghal dak li hu access ser tordna li dan ikun:-

"(a) nhar ta' Tnejn u Erbgha mis-2.30 p.m. sas-7.30 p.m.

"(b) is-Sibt mit-3 p.m. sal-Hadd fid-9.00 a.m.

"**<u>Manteniment</u>**.

"Ghal dak li hu manteniment, fis-seduta tat-28 ta' April 2009 l-attrici ddikjarat: *"Jiena **m'inhiex nippretendi manteniment ghalija minghand zewgi** pero` nixtieq illi jekk it-tifel iz-zghir jibqa' jistudja meta jaghlaq it-tmintax, zewgi jibqa' jmantnih u mhux kif grali fiz-zewgt itfal l-ohra"* (fol. 438). Sussegwentement fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2009 iddikjarat li tippretendi manteniment ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu, u Settembru peress li matul dawn ix-xhur ma tkunx qeghda tahdem. Mehud in konsiderazzjoni:-

"a. Dak li qalet l-attrici waqt is-seduta tat-28 ta' April 2009;

"b. Il-fatt li l-konjugi Azzopardi ilhom mis-sena 2003 separati *de facto* u minn dak iz-zmien ghexu b'mod indipendenti minn xulxin;

"c. Il-fatt li l-attrici hi kapaci tahdem u fil-fatt ghandha l-qliegh taghha. Il-Qorti hi konvinta li l-attrici, jekk trid, hi kapaci li zzid il-qliegh taghha.

"d. Il-fatt li l-attrici ser tinghata parti mill-htija ghall-firda personali;

“ser iwassal lill-Qorti biex tiddeciedi li l-konvenut m’ghandux ihallas manteniment lil martu.

“L-attrici tahdem fuq bazi *part-time* mal-Gozo Centre for Arts and Crafts bhala ghalliema. Fl-2006 kellha dhul gross ta’ €4,914. Tahdem ukoll bhala *sales representative* ma’ Crosscraft u tithallas kummissjoni ta’ 10% minn kull bejgh li taghmel. Xehedet li matul is-sena 2006, minn dan ix-xoghol kellha dhul biss ta’ €349 fil-perjodu tal-fiera (fol. 173). Qalet li ghandha wkoll dhul ta’ €139.76 kull xahar minn kiri tal-appartament tal-Msida, liema fond ser jigi assenjat lill-konvenut.

“Jirrizulta li fis-sena 2006 il-konvenut kellu dhul gross ta’ €23,501 mill-impjieg ma’ Gozo Channel Company Limited, filwaqt li fis-sena 2007 kellu dhul net ta’ €18,630.75 (fol. 410). Dan apparti dhul iehor minn xoghol *part-time* ta’ mekkanik li jaghmel f’garaxx li ghandu fin-Nadur u li ddikjara li m’huwiex iktar minn €931 fis-sena (ara nota guramentata a fol. 163); *“Xi 4-5 snin ilu kellu (recte, kelli) dhul tajjeb mill-garaxx. Illum dan naqas. Ziedli x-xoghol min-naha tal-Gozo Channel u wkoll il-hin li jiena rrid inqatta’ mat-tifel.”* (fol. 169). Cifra li l-Qorti temmen li hi altru milli konservattiva. Hi haga tal-iskantament kif tista’ tghid f’kull separazzjoni jekk xi hadd mill-konjugi jkun qieghed jopera negozju dejjem iressaq l-istess skuza, cioe` li d-dhul naqas hafna matul l-ahhar ftit snin.

“Ghal dak li hu l-minuri Stefan (li ghandu 11 il-sena[7]), wara d-digriet moghti fil-25 ta’ Mejju 2007 (fol. 178) l-attur beda jhallas is-somma ta’ mitejn u wiehed u disghajn Ewro (€291) kull xahar. M’hemmx dubju li l-htigijiet tal-minuri ser ikomplu jizdiedu.

“Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi ser tordna li l-manteniment ghall-minuri jkun fl-ammont ta’ tlett mitt Ewro (€300) kull xahar li ghandu jithallas bil-quddiem. B’dan li l-konvenut ghandu wkoll jikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjez:-

---

[7] Fir-rikors guramentat l-attrici ppremettiet li twieled fl-10 ta’ April 1998.

"(a) Ghax-xiri ta' uniformi tal-iskola, privat, xiri tal-kotba tal-iskola, xiri ta' kompjuter u printer[8], u fil-futur qarib spejjez ghar-registrazzjoni ta' ezamijiet;

"(b) Relatati mas-sahha tal-minuri.

"Il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn (2) skond l-awment fl-indici ta' inflazzjoni.

"**Komunjoni tal-akkwisti**.

"Waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009 il-partijiet ftehemu li:

"(A) **L-attrici** tigi assenjata:-

"i. Id-dar matrimonjali Azzopardi, Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex;

"ii. Il-garaxx fi Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex;

"iii. Vetturi tal-marka Mitsubishi Lancer (CBC 949) u Kia (MAG 201);

"iv. Somma ta' sitt elef Sterlina (£6,000) inkluz imghax jekk hemm, u liema flus huma nvestiti f'HSBC International Guranteed Capital Investment Bonds (fol. 260) kont numru: A104473;

"v. Flus depozitati f'kontijiet bankarji u nvestimenti ohra li jistghu jkunu registrati f'isimha.

"(B) **Il-konvenut** jigi assenjat:-

"i. Zewg poloz ta' assigurazzjoni (*endowment*) ma' Eagle Star Insurance (numru 3513385 – fol. 261 u 3513384 – fol. 267);

[8] F'dan il-kuntest ix-xiri ta' kompjuter u printer irid isir bi qbil bejn il-parijiet u jekk ma jkunx hemm qbil bl-awtorizazzjoni tal-Qorti.

“ii. L-appartament numru 2, Tower Flats, Tower Street, Msida;

“iii. Trukk Isuzu (DAI 936);

“iv. L-ghodda u l-makkinarju kollha li hemm fil-garaxx 43, Triq Duru, Nadur, Ghawdex;

“v. Kwalsiasi kontijiet bankarji u nvestimenti ohra registrati f’ismu.

“Il-komunjoni tal-akkwisti tinkludi wkoll il-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali u l-appartament, kif ukoll in-negozju ta’ mekkanik li jmexxi l-konvenut minn gewwa l-garaxx fi Triq Duru, Nadur.

“Baqghet impregudikata l-kwistjoni dwar l-ishma fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Limited (C7049), fis-sens jekk l-ishma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew humiex proprjeta` parafernali. Din il-kumpanija giet registrata fis-7 ta’ Settembru 1984 (fol. 67), meta l-attrici kienet diga` mizzewwga lill-konvenut. L-attrici hi wahda mill-azzjonisti, flimkien ma’ hutha Peter, Salvina, u Maria Assunta u missierha (illum mejjet). Il-konvenut isostni: *“Gialadarba l-istess ishma nholqu waqt iz-zwieg, huma jiffurmaw indubbjament parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti[9].”* Ghalkemm il-konvenut xehed li martu kienet qaltlu li hallset is-somma ta’ mitt Lira Maltija (Lm100) biex xtrat mitt sehem (seduta tal-10 ta’ Gunju 2009), l-attrici qalet li ma sar l-ebda hlas[10]. Il-verzjoni tal-attrici hi korraborata minn ohtha Assunta Debono (fol. 274). Kien biss waqt il-kontro-ezami li l-konvenut semma li martu kienet qaltlu li kienet hallset Lira Maltija ghal kull sehem u li martu kienet xtrat l-ishma. Fl-affidavit filwaqt li spjega li missier l-attrici kien waqqaf il-kumpanija Pawlu Debono & Sons Limited u ttrasferixxa l-immobbli li kien fadallu, illimita ruhu biex jghid li: *“Ghal darb’ohra, minkejja l-pariri kollha li ha biex ghamel dan,* ***huwa kellu pjacir li l-ishma jkunu tieghi u ta’ marti***

[9] Nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fit-30 ta’ Novembru 2009.
[10] *“Jiena u zewgi la nvestejna u lanqas hrigna ebda flus f’din il-kumpanija.”.*

***flimkien.*** *"* (fol. 400). Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-attrici hallset xi flus, u anzi ma tarax li hi verosimili li missierha qaghad jitlobha thallas ammont insinifikanti ta' Lm100. Dan minkejja li fl-istatut tal-kumpanija jinghad li l-ishma kollha huma **"*each fully paid*"** (fol. 75). Irrizulta li din il-kumpanija twaqqfet sabiex missier l-attrici jizgura li l-gid li ghamel igawduh l-ulied li kellu fit-tieni zwieg (inkluz l-attrici) u li uliedu mill-ewwel zwieg ma jinghatawx sehem. Dak hu l-parir li kellu, irrispettivament dwar jekk kienx parir tajjeb jew le. F'dan il-kuntest Assunta Debono, oht l-attrici, xehedet: *"**Missieri meta ghamel kumpanija ghamilha minhabba z-zewgt itfal li kellu minn tal-ewwel mara.** Ghalhekk ma dahhalhomx. Ghax hu li ghamel u li gieb kemm ilu mizzewweg ma' ommi."* (fol. 310). L-istess qalet l-attrici: *"..... missieri kien armel qabel ma zzewweg lil ommi u kellu zewgt itfal mill-ewwel zwieg u **l-hsieb tieghu kien li t-tfal mill-ewwel zwieg ma jidhlux fuqna peress illi n-negozju li kellu kien ghamlu mat-tieni mara**..... Kien minhabba l-istess raguni li rregola l-ishma tal-kumpanija meta kien waqqaf il-kumpanija."* (fol. 391). In-negozju kien tal-missier (Paul Debono)[11] u f'dak l-istadju l-attrici ma jirrizultax li kellha xi sehem minnu. Minflok Paul Debono ttrasferixxa sehem fin-negozju lill-uliedu mit-tieni zwieg, waqqaf kumpanija li fiha ttrasferixxa n-negozju u rregistra ishma f'isem uliedu. L-istatut tal-kumpanija li pprezentat l-attrici (fol. 67) m'huwiex il-verzjoni originali ta' meta twaqqfet il-kumpanija fl-1984, imma verzjoni riveduta li giet prezentata f'Dicembru 1997. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn it-tifel Joseph, li hu mit-tieni zwieg, jidher li ma nghatax ishma. It-twaqqif tal-kumpanija ma kienetx xi inizjattiva personali tal-attrici imma kollox gie minn missierha. Inoltre, anke wara li twaqqfet il-kumpanija ma rrizultax li l-attrici kienet involuta fit-tmexxija taghha. Tant hu hekk li kienet decizjoni ta' Paul Debono li xi zmien wara jittrasferixxi n-negozju ta' din il-kumpanija lill-kumpanija ohra li kienet ta' wliedu Peter u Joseph ahwa Debono. Permezz ta' kuntratt li sar fl-10 ta' Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo (fol. 253), missier l-attrici kien ittrasferixxa lill-hames uliedu mit-tieni zwieg, ***"..... fi***

[11] Assunta Debono qalet li missierhom *"Kien jopera barriera taz-zrar fil-Qortin, Nadur. Kien jiehu wkoll hafna kuntratti ta' xoghlijiet tal-Gvern u tal-Korporazzjoni Enemalta. Kien ukoll jaghmel xoghol ta' bjut tal-konkos, u kien jinnegozja fil-proprjeta`."* (fol. 273).

***kwoti ugwali bejniethom jaccettaw mitt sehem (share) ta' Lira Maltija l-wahda fully paid up fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Limited registrata mar-Registru tal-Kumpaniji bin-numru C7049"***. Fuq dan l-att bhala dontarji deheru biss ulied Paul Debono. Sinjal iehor li turi x'kien il-hsieb meta twaqqfet il-kumpanija fl-1984. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-mitt (100) sehem ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti (ara Artikolu 1320 tal-Kodici Civili). Konkluzjoni li l-Qorti qeghda tasal ghaliha fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. X'setghet qalet l-attrici waqt il-medjazzjoni m'huwiex rilevanti, in kwantu f'dak l-istadju il-konjugi kienu qeghdin jipprovaw jaghmlu separazzjoni bonarja.

"Kwistjoni ohra hi dwar il-mobbli li jinsabu fil-fond matrimonjali fin-Nadur u l-appartament tal-Imsida. Fil-verbal tas-16 ta' Settembru 2009 li ffirmaw il-partijiet, ma saret l-ebda riferenza ghal dawn il-mobbli. Mill-verbali tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2009 (fol. 444) u 9 ta' Lulju 2009 (fol. 445) hu evidenti li dwar il-mod kif kellu jinqasam il-gid id-divergenza bejn il-partijiet kienet dwar l-ishma fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Limited u l-flus investiti barra minn Malta f'munita sterlina. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici qalet li *"....meta sar il-ftehim bejniethom dan kien fis-sens li l-proprjeta` tittiehed bl-ghamara u bl-oggetti kollha ta' go fiha."*, filwaqt li l-konvenut qal li *"..... ma kien hemm l-ebda intenzjoni jew intiza li huwa jitlef sehmu mill-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali u fil-garaxx fin-Nadur."*. Wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza, il-Qorti ghamlet access f'dawn il-proprjetajiet. Minn dak li rat tikkonkludi li l-mobbli li hemm fl-appartament tal-Msida huma ta' valur baxx. Dan il-fond hu mitluq u jintuza minn Charles Paul u Daniel peress li jghixu Malta. Il-mobbli huma bazici hafna u antiki. Min-naha l-ohra d-dar matrimonjali tinsab f'kundizzjoni tajba hafna u jidher bic-car li l-attrici tiehu hafna hsieb tad-dar. Minn dak li rat il-Qorti, l-iktar affarijiet ta' valur li hemm fid-dar huma l-kcina bl-*appliances* u kamra tas-sodda fis-sular ta' isfel. Il-Qorti hi moralment konvinta li l-ftehim kien fis-sens li l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u fl-appartament, kellhom jittiehdu minn dik il-parti li tigi assenjata mill-fond. Hekk biss tista' tispjega l-fatt li:-

“a. Il-mobbli ma ssemmewx.

“b. Hadd mill-partijiet ma ressaq provi dwar il-mobbli.

“c. Il-partijiet identifikaw dak li kien hemm kwistjoni dwaru.

“Inoltre, bl-istess ragunar tal-konvenut ma ssemmiex in-negozju ta’ mekkanik li jiggestixxi l-konvenut minn gewwa l-garaxx 43, Triq Duru, Nadur. Ovvjament b’daqshekk ma jfissirx li n-negozju m’ghandux jigi assenjat lilu. Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-mobbli ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li lilha qieghed jigi assenjat l-immobbli u n-negozju ta’ mekkanik ser jigi assenjat lir-ragel, bl-attiv u l-passiv kollu.

“Wara li nghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza, fit-22 ta’ Dicembru 2009 il-konvenut ipprezenta rikors fejn ippremetta li l-kontendenti huma debituri ta’ huh, Frans Azzopardi, fl-ammont ta’ disat elef, tlett mija u sbatax-il Ewro (€9,317). Mill-atti jirrizulta li qatt ma tressqu provi dwar dan l-allegat dejn. Il-konvenuta wiegbet permezz ta’ risposta prezentata fid-29 ta’ Dicembru 2009, minn fejn jirrizulta li:-

“i. Taccetta li kienu ssellfu flus minghand Frans Azzopardi; u

“ii. “Illi safejn taf l-esponenti pero` dan id-dejn kien thallas lura u ilu li thallas lil hu l-konvenut.”.

“Il-Qorti taqbel li l-istadju tal-provi m’ghandux jerga’ jinfetah. Il-konvenut kellu altru milli bizzejjed zmien sabiex iressaq il-provi. Jekk Frans Azzopardi qieghed jippretendi xi hlas ghandu r-rimedji legali u din is-sentenza ma torbtux ghaliex ma kienx parti f’dawn il-proceduri. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li gialadarba l-konvenut ma ressaqx provi li ghad hemm dejn ta’ €9,317, m’hemmx htiega li jinghata provvediment kif qieghed jitlob il-konvenut.

"**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

"1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti bi htija principalment tal-konvenut b'dan li l-attrici ghandha wkoll responsabbilta` pero` fi grad inqas, u dan ghar-ragunijiet spjegati hawn fuq.

"2. Tafda l-kura tal-minuri Stephen lill-attrici, b'dan li l-kustodja ghandha tkun kongunta bejn il-kontendenti.

"3. Il-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-minuri Stephen kull nhar ta' Tnejn u Erbgha mis-2.30 p.m. sas-7.30 p.m. u s-Sibt mit-3 p.m. sal-Hadd fid-9.00 a.m.

"4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas bil-quddiem lill-attrici s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull xahar bhala manteniment ghall-ibnu Stephen u nofs l-ispejjez:-

"(a) Ghax-xiri ta' uniformi tal-iskola, privat, xiri tal-kotba tal-iskola, xiri ta' kompjuter u printer[12], u fil-futur qarib spejjez ghar-registrazzjoni ta' ezamijiet;

"(b) Relatati mas-sahha tal-minuri.

"Il-manteniment ghandu jizdied kull sentejn skond l-awment fl-indici ta' inflazzjoni.
"1. Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti terminata.

"2. Ghal finijiet ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisiti, tiddikjara li l-oggetti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bhala li jikkonsistu fl-oggetti li ssemmew f'dik il-parti tas-sentenza ntestata Komunjoni tal-akkwisti. Mhux inkluz l-ishma fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Limited (numru ta' registrazzjoni C7049). Tastjeni milli tqis is-seba' talba tar-rikovenzjoni in kwantu

[12] F'dan il-kuntest ix-xiri ta' kompjuter u printer irid isir bi qbil bejn il-parijiet u jekk ma jkunx hemm qbil bl-awtorizazzjoni tal-Qorti.

din tirreferi ghat-talba sabiex tigi dikjarata terminata l-komunjoni tal-akkwisti, likwidazzjoni u qasma tal-gid. Dan in kwantu talbiet identici saru fir-rikors guramentat tal-attrici u l-Qorti qeghda tipprovdi dwarhom.

“3. Tassenja lill-attrici:-

“i. Id-dar matrimonjali Azzopardi, Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex inkluz il-mobbli kollha li hemm mill-ghatba ’l gewwa;

“ii. Il-garaxx fi Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex;

“iii. Vetturi tal-marka Mitsubishi Lancer (CBC 949) u Kia (MAG 201);

“iv. Somma ta’ sitt elef Sterlina (£6,000) inkluz imgHax jekk hemm jew kwalsiasi bilanc li hemm, u liema flus huma nvestiti f’HSBC International Guranteed Capital Investment Bonds (fol. 260) kont numru: A104473;

“v. Flus depozitati f’kontijiet bankarji u nvestimenti ohra li jistghu jkunu registrati f’isem l-attrici.

“4. Tassenja lill-konvenut:-

“i. Zewg poloz ta’ assigurazzjoni (*endowment*) ma’ Eagle Star Insurance (numru 3513385 – fol. 261 u 3513384 – fol. 267);

“ii. L-appartament numru 2, Tower Flats, Tower Street, Imsida u l-mobbli kollha mill-ghatba l-gewwa;

“iii. Trukk Isuzu (DAI 936);

“iv. L-ghodda u l-makkinarju kollha li hemm fil-garaxx 43, Triq Duru, Nadur, Ghawdex;

“v. Kwalsiasi kontijiet bankarji u nvestimenti ohra registrati f’isem il-konvenut.

vi. In-negozju ta’ mekkanik li huwa jmexxi minn gewwa l-garaxx 43, Triq Duru, Nadur, Ghawdex bl-attiv u l-passiv kollu tieghu.

“5. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjoni xbubitha ta’ Debono.

“6. Tastjeni milli tqis is-sitt u seba’ talba tar-rikors guramentat in kwantu ma ngabux provi li l-konvenut qieghed fil-pussess ta’ xi beni parafernali tal-attrici, kif ukoll peress li d-dar matrmonjali qeghda tigi assenjata lill-attrici u hi ser tkompli tghix fiha.

“7. Tichad ir-raba’ u hames talbiet tar-rikonvenzjoni.

“8. Tiddikjara li hadd mill-konjugi m’ghandu jmantni lill-konjugi l-iehor.

“9. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48(a) u (d) tal-Kodici Civili.

“Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu tal-attrici.

**Rikors tal-appell tal-konvenut Peter Paul Azzopardi**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha b’rikors datat 8 ta’ Frar 2010. L-aggravji tieghu huma dawn:

(1) Huwa jinsisti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li ma jirrizultax li kien sar xi hlas da parti tal-attrici jew zewgha ghall-akkwist tal-ishma in kwistjoni. Jirreferi ghall-istatut innifsu tal-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd li jipprovdi li l-ishma kontenuti fiha kienu *fully paid up* mill-azzjonisti taghha. Fil-fehma tieghu ix-xhieda tal-attrici u ohtha ma kellhomx ikunu sufficjenti biex iwaqqghu il-kontenut tal-istatut. Jinsisti wkoll li kienet ukoll zbaljata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-kumpanija giet iffurmata minn missier il-partijiet ghaliex ghalkemm giet

iffurmata fuq inizjattiva tieghu, ma gietx iffurmata minnu. Huwa jsostni li l-ishma kienu gew kostitwiti u akkwistati mill-attrici u kienu proprjeta` taghha u ta’ zewgha.

(2) L-appellant izid jghid ukoll li anke kieku l-ewwel Qorti kienet korretta fil-kunsiderazzjonijiet taghha, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess ishma jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghaliex anke jekk l-ishma kienu ffinanzjati mill-missier, dan ma jfissirx li l-missier iddona l-ishma lil bintu, izda jkun ifisser li huwa sempliciment taha jew hargilha l-flus biex setghet takkwista l-istess ishma. Huwa jargumenta li tant dejjem kien maghruf li l-ishma kienu inkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti, li meta inbieghu l-ingenji lil hut is-subien tal-attrici, hija u zewgha thallsu s-somma ta’ Lm38,000, liema somma ntuzat minnhom it-tnejn biex akkwistaw l-appartament fl-Imsida, vann u makkinarju iehor, ghalhekk intuzaw ghall-utilita` tal-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>Risposta tal-Appell tal-attrici Margaret Azzopardi</u>**

L-appellata ssostni li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata minn din il-Qorti fl-intier taghha. Hija tirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti semghet lill-konvenut *viva voce* in kontro-ezami u tghid li l-istess Qorti dakinhar kemm-il darba kellha tfakkru li kien qed jixhed bil-gurament peress li kien qaghad jittituba dwar certu spjegazzjonijiet li gie mitlub minn dik il-Qorti li jaghtiha fir-rigward ta’ dikjarazzjonijiet maghmula minnu waqt ix-xhieda, fosthom dwar il-kwistjoni tal-ishma. Kompliet tispjega li x-xhieda tieghu giet riprodotta fis-“sustanza taghha” u ghalhekk ma fihiex dawk it-titubanzi li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tosserva.

Dwar il-fatt li l-ishma kienu gew *“fully paid up”*, kif jispecifika l-istatut tal-kumpanija, l-appellata tinsisti li l-flus kien harighom kollha Pawlu Debono u mhux uliedu u jaccennaw ghax-xhieda ta’ Assunta Debono (oht l-attrici) li kienet tamministra l-flus ta’ missierha meta kienet spjegat li l-ahwa ma kienu hargu l-ebda flus ghall-ishma.

L-appellata ukoll tirreferi ghall-Artikolu 1320(b) tal-Kodici Civili li jistipula li ghalkemm l-akkwisti li jsiru bi flus li wara z-zwieg ikunu messew lil xi parti b'donazzjoni jaqghu fil-komunjoni tal-akkwisti, dan pero` jsir bla hsara tal-jedd taghha li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet ghall-akkwist ta' dawk il-beni.

Hija ssostni li kienet korretta l-ewwel Qorti li ddecidiet li l-ishma li hija ghandha fil-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huma assi parafernali.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel aggravju:
L-appellant jinsisti li kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta hija rriteniet li kien irrizultalha li ma sar l-ebda hlas da parti tal-attrici jew zewgha ghall-akkwist tal-ishma in kwistjoni. Huwa jsostni li ladarba l-istatut tal-kumpanija jghid li l-ishma kienu *"paid up"* mill-azzjonisti allura din hija prova li martu kienet hallset ghalihom u li ghalhekk il-Qorti kellha toqghod fuq din il-prova dokumentarja. Fil-fehma tieghu ix-xhieda prodotti biex jirribattu din il-prova ma kienux konvincenti u x-xhieda taghhom hija kontradetta minn dik tieghu stess.

Skond il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd, l-"Issued Share Capital" tal-kumpanija (registrata fis-7 ta' Settembru 1984) huwa ta' sitt mitt sehem ta' Lira Maltija (Lm1) il-wiehed u dawn l-ishma huma indikati bhala *"fully paid"*[13]. Wahda mill-azzjonisti hija proprju l-attrici appellata Margaret Azzopardi u hemm indikat fl-istess statut li hija ghandha fuq isimha mitt sehem minn dawn is-sitt mitt sehem. Il-konvenut, fil-kontro-ezami tieghu, xehed li meta kienu gew registrati l-ishma martu kienet marret wahedha. "*Il-mara tieghi kienet qaltli li hallset Lira ghal kull share minn dawn il-mitt (100) share fil-kumpanija. Lili l-mara hekk qaltli. Jien cert minn dan*[14]*."*

[13] Fol. 75
[14] Fol. 440

Il-verzjoni tal-attrici hija ghal kollox differenti. Hija tghid li l-ishma fil-kumpanija gew donati lilha minn missierha. "*Jiena u zewgi la nvestejna u lanqas hrigna ebda flus f'din il-kumpanija*[15]*.*" Spjegat li ghalkemm ma kienx sar kuntratt pubbliku ta' donazzjoni (kif kien sar meta missierhom ittrasferixxa l-ishma tieghu ghal fuqhom snin wara fl-10 ta' Gunju 2005), l-ishma in kwistjoni kienu nghataw b'donazzjoni.

Ohtha, Assunta Debono, li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-flus u tal-beni li kellu missierhom, dwar l-ishma tghid hekk: "*Meta missieri waqqaf il-kumpanija Pawlu Debono and Sons Ltd, kien hu li lilna l-hamest ahwa*[16] *ghaddielna l-ishma tal-kumpanija minghajr ma hallasna xejn*[17]*.*" Xehdet ukoll li missierhom kien tahom ukoll diversi somom ta' flus kontanti bhala donazzjoni. "*Missieri lili u lil huti tana kemm flus kontanti li jammontaw ghal eluf kbar ta' Liri kif ukoll proprjeta`, kollox b'xejn, fis-sens li ta' dak li tana lili u lil huti ahna ma hallasnih xejn*."

Din il-Qorti wara li ezaminat ic-cirkostanzi tal-kaz hija tal-istess fehma bhall-ewwel Qorti, u cioe` li ma jirrizultax pruvat li sar xi hlas da parti tal-attrici jew zewgha ghall-akkwist tal-ishma in kwistjoni.

Fl-ewwel lok, il-fatt li l-istatut jghid li l-ishma kienu kollha *"paid up"* ma jippruvax li kienu necessarjament imhallsa mix-*shareholders* rispettivi. Ghalkemm l-istatut huwa prova dokumentarja li l-mitt sehem in kwistjoni kienu *"paid up"*, dan ma jippruvax li thallsu specifikatament minn Margaret Azzopardi. Juri biss li hija ghandha mitt sehem fuq isimha.

Il-konvenut appellant jargumenta li kien konvenjenti ghall-attrici li hi u ohtha Assunta johorgu b'allegazzjoni kuntrarja ghal dak li jipprovdi l-istatut biex jghinu l-posizzjoni tal-attrici. Kif ghadu kemm gie spjegat pero`, l-istatut ma

---

[15] Fol. 250
[16] Effettivament huma indikati erbgha u mhux hames ahwa.
[17] Fol. 274

jipprovax li kienet l-attrici jew zewgha li hallsu ghall-ishma. Di piu` kif il-konvenut appellant qed jargumenta li l-attrici u ohtha xehdu b'mod li jaqbel lilhom, wiehed jista' jargumenta li l-istess konvenut appellant xehed b'mod li jaqbel lilu. Ghalkemm huwa jaccenna ghall-fatt li dak li xehed xehdu bil-gurament tieghu, l-istess jinghad ghall-attrici u ghal ohtha.

Fit-tieni lok, meta wiehed jikkonsidra li missier l-appellata kien sikwit jaghti flus u proprjeta` lil uliedu f'ammonti kbar ta' Liri, huwa inverosimili,  kif irriteniet l-ewwel Qorti, li jitlob lil uliedu johorgu minn buthom l- ammont insinifikanti ta' Lm100 kull wiehed.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isemmi wkoll li kienet hazina l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-kumpanija in kwistjoni kienet iffurmata mill-missier. Huwa jinsisti li ghalkemm giet iffurmata fuq inizjattiva tieghu, ma gietx iffurmata minnu.  Jidher pero` mix-xhieda tal-attrici u ta' ohtha Assunta li l-kumpanija effettivament twaqqfet mill-missier, u dan sabiex huwa, li kien mizzewweg darbtejn, jizgura li l-gid li ghamel waqt li kien mizzewweg lit-tieni mara jgawduh l-ulied li kellu minn din it-tieni mara u li wliedu mill-ewwel zwieg ma jinghatawx sehem[18]. Fil-fatt l-appellant stess kien ammetta li l-kumpanija giet iffurmata mill-missier u li kien ittrasferixxa l-proprjeta` li kellu ghal fuqha:

*"Naqbel ukoll li missier marti kien ifforma kumpanija privata fis-sena 1984 bejn l-ahwa mit-tieni zwieg u ttrasferixxa l-proprjeta` li kien baqaghlu ghal fuq din il-kumpanija bl-isem ta' Pawlu Debono & Sons Ltd[19]."*

Ghalhekk jidher li l-ewwel aggravju huwa nfondat fl-intier tieghu.

It-tieni aggravju:

---

[18] Ghalkemm kif osservat l-ewwel Qorti ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex it-tifel Joseph, li hu mit-tieni zwieg, jidher li ma nghatax ishma.
[19] Fol. 400

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi anke kieku l-ewwel Qorti kienet korretta fil-kunsiderazzjonijiet taghha, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-ishma jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jghid li anke kieku wiehed kellu jaccetta l-argument tal-attrici u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-ishma gew iffinanzjati mill-missier, dan ma jfissirx li l-missier iddona l-ishma lil bintu, izda jkun ifisser li huwa sempliciment taha jew hargilha l-flus biex hija setghet takkwista l-istess ishma.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Mhix konvinta li effettivament ghaddew xi flus: la minn Margaret Azzopardi sabiex hija tixtri l-ishma bihom, u lanqas minghand missierha lilha sabiex hija tixtri l-ishma bihom. Din il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, hija konvinta li l-ismijiet tal-ulied li tnizzlu fuq l-istatut tnizzlu sabiex l-istess ulied ikollom parti mill-gid li missierhom ghamel waqt iz-zwieg tieghu ma' ommhom.

L-argument tal-appellant li l-missier kien jaf li ladarba bintu Margaret hija mizzewga allura zewgha kien ser ikollu sehem mill-kumpanija, mhux necessarjament minnu. Jekk il-missier kien minghalih li qed jiddona l-ishma lil bintu aktarx li kien qed jifhem li l-ishma kienu ser ikunu proprjeta` parafernali taghha.

L-appellant jghid ukoll li tant dejjem kien maghruf li l-ishma kienu inkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti li meta inbieghu xi ingenji, u l-attrici "u zewgha" thallsu s-somma ta' Lm38,000 din is-somma intuzat ghall-utilita` tal-komunjoni tal-akkwisti, sabiex il-konjugi Azzopardi jakkwistaw appartament, vann u makkinarju iehor. Dan l-argument pero`, ma jregix. Dak li wiehed jaghmel bil-gid parafernali tieghu hija decizjoni tieghu. Li wiehed juza flus parafernali tieghu biex jixtri proprjeta` in komuni ma jfissirx li dawk il-flus kienu minn dejjem jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-appellant jirreferi ukoll ghall-kuntratt ta' donazzjoni li sar fl-10 ta' Gunju 2005 meta l-missier ittrasferixxa lill-hames uliedu mit-tieni zwieg mitt sehem *"fully paid up"*, u jargumenta illi li kieku anke fl-1984 il-missier ma riedx li

zewg bintu Margaret ikollha sehem fil-kumpanija, kien allura jaghmel kuntratt ta' donazzjoni simili. Izda l-ezistenza tal-kuntratt tal-2005 tista' wkoll tigi interpretata mod iehor: u cioe` bhala sinjal li juri x'kien il-hsieb tal-missier meta waqqaf il-kumpanija fl-1984, kif fil-fatt irrilevat l-ewwel Qorti.

Dwar il-fatt li fil-kors tal-medjazzjoni l-attrici appellata stess kienet accettat li l-konvenut ghandu nofs indiviz mill-ishma, kif irriteniet l-istess Qorti, x'setghet qalet waqt l-istadju tal-medjazzjoni mhux rilevanti in kwantu f'dak l-istadju kienu qeghdin jippruvaw jisseparaw bonarjament.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li t-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------